REGOLAMENT (UE) Nru 955/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Settembru 2011

li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1541/98 dwar il-prova tal-oriġini ta' ċerti prodotti tessili li jidħlu fit-Taqsima XI tan-Nomenklatura Magħquda u rilaxxjati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità u dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni ta' din il-prova, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1541/98 [2] jipprevedi regoli dwar prova tal-oriġini għal ċerti prodotti tat-tessuti li joriġinaw f'pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet, protokolli jew arranġamenti oħra bilaterali dwar it-tessuti, u għal prodotti tat-tessuti li fir-rigward tagħhom l-Unjoni stabbiliet sistema ta' sorveljanza sabiex tissorvelja t-tendenzi fl-importazzjonijiet tal-prodotti, jew li għalihom tapplika miżuri speċjali ta' salvagwardja.

(2) Minn mindu ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 1541/98 saru għadd ta' żviluppi maġġuri. Il-miżuri ta' importazzjoni applikati mill-Unjoni għal prodotti tat-tessuti li jaqgħu fit-Taqsima XI tan-Nomenklatura Magħquda naqsu gradwalment fl-għadd u l-impatt tagħhom u issa huma ta' natura residwa, kemm f'termini tal-intestaturi tan-Nomenklatura Magħquda koperti kif ukoll tal-pajjiżi kkonċernati.

(3) L-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3] jipprevedi li l-awtoritajiet doganali jistgħu, fil-każ ta' dubji serji, jitolbu kwalunkwe prova addizzjonali tal-oriġini.

(4) Fil-każi kollha, il-pajjiż tal-oriġini ta' prodotti importati għandu jiġi indikat fil-kaxxa 34 tad-Dokument Amministrattiv Uniku, li għandu jiġi kompletat skont in-Noti ta' Spjegazzjoni dwar id-Dokument Amministrattiv Uniku fl-Anness 37 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [4]. Din l-indikazzjoni hija soġġetta għall-proċeduri ta' verifika normali, li jinkludu l-possibbiltà li l-awtoritajiet doganali jeħtieġu prova addizzjonali, fejn xieraq, fuq bażi ta' każ b'każ.

(5) L-obbligu li wieħed jipprovdi prova tal-oriġini addizzjonali, fuq bażi sistematika, għall-prodotti tat-tessuti msemmija fil-premessa 1 sar sproporzjonat meta mqabbel malgħan tiegħu, li huwa li jissupplimenta ċerti miżuri ta' importazzjoni li fil-prattika m'għadhomx jintużaw. B'ħekk dan l-obbligu jpoġġi piż mhux neċessarju fuq operaturi ekonomiċi.

(6) Peress li l-prodotti tat-tessuti kkonċernati jistgħu jiġu importati mingħajr l-ebda restrizzjoni u l-awtoritajiet doganali jistgħu, kif imsemmi fil-premessa 4, jeħtieġu informazzjoni addizzjonali, b'mod notevoli fil-każ li jkun hemm dubju dwar l-oriġini ta' prodotti importati, m'għadx hemm bżonn jinżammu r-rekwiżiti amministrattivi addizzjonali previsti fir-Regolament (KE) Nru 1541/98.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1541/98 għandu għalhekk jitħassar.

(8) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 [5] li jistipula li l-prova tal-oriġini b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1541/98 tista' tiġi aċċettata f'ċerti każi għandu jiġi emendat kif inhu xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1541/98 qed jiġi b'dan imħassar.

[1] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2011.
[2] ĠU L 202, 18.7.1998, p. 11.
[3] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[5] ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1.

Artikolu 2

Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(6) tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 it-tieni sentenza qed tiġi mħassra.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2011.

F'isem il-Parlament Ewropew	*F'isem il-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	M. DOWGIELEWICZ